MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Numru. 596/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Mark Azzopardi**

Kaz Numru: 596/2012

Illum 4 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mark Azzopardi**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Carmelo u Natalina neé Xerri, imwieled Rabat, Ghawdex, fil-25 ta' Mejju 1979, u residenti fil-fond 'Vigilant', Block A, Flat 6, Triq G.P.F. Agius De Soldanis, Nadur, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 16279(G) li gie akkuzat:

**talli fl-14 ta' Lulju 2012, ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija (7:45p.m.), waqt li kien fuq il-bahar fil-limiti ta' Ta' Cenc, Ghawdex:**

1. ikkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil haddiehor biex jikser xi disposizzjonijiet, jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioé dawk maghmula taht Regolament 4(1)(a); 4(1)(d); 5(1); 5(3)(b); 17 u 18(1)(e) dan bi ksur ta' Regolament 27(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

**U aktar talli fl-20 ta' Lulju 2012, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar u fis-snin ta' qabel, fil-fond 53, Triq Jannar, Xaghra:**

2. zamm xi ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid taghhom huwa projbit taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioé Baghdan Ahmar Circus aeruginosus u Birwina Charadrius morinellus (Eudromias morinellus), kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarati u registrati mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma nghata l-permessi, jew ic-certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dawk l-ghasafar u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioé Baghdan Ahmar Circus aeruginosus u Birwina Charadrius morinellus (Eudromias morinellus),

meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikunu jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-Ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawn l-ghasafar ma kienux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjuni, il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dak il-kampjun ma kienx miksub kontra d-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. kellu fil-pussess tieghu xi ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III, u cioé Baghdan Ahmar Circus aeruginosus u Birwina Charadrius morinellus (Eudromias morinellus), li ma kienux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat u dan bi ksur ta' Regolament 21(5) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasafar imsemmijin fir-Regolament 4(1)(e) tar-Regolament tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, (uhud inkluzi fi Skeda I) minghajr ma ghamel talba lid-Direttur u minghajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferiment jew id-disponiment minghand id-Direttur u dan bi ksur ta' Regolament 4(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. u aktar talli rrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta jew ta' Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u li anqas ressaq ebda provi.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 173 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 178 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jinghad illi din il-kawza kienet qieghda tinstema kontestwalment ma' tliet kawzi ohra kontra tliet imputati ohra differenti u li din hija r-raguni ghala waqt id-domandi maghmula lix-xiehda prodotti f'din il-kawza saru xi domandi mhux strettament relatati mal-kawza odjerna.

Illi, fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 106) gie verbalizzat is-segwenti: *"Il-Qorti taghmel referenza ghad-dokumenti GH 1 sa GH 19 esebiti fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Jonathan Muscat*** *(Kawza Numru 595/2012) u tiddikjara li dawn ghandhom jiffurmaw parti minn dawn il-proceduri".*

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>:**

Illi, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, ghandu jinghad li minn imkien mill-provi ma' tirrizulta tali imputazzjoni. L-istqarrijiet rilaxxati mill-persuni l-ohra li gew akkuzati flimkien mal-imputat m'humiex prova fil-konfront tal-imputat. L-atti processwali ma jikkontjenux provi bizzejjed sabiex l-imputat ikun jista' jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minn tali imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2), it-Tielet (3), ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni:</u>**

Illi, fir-rigward tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet, il-Qorti taghmel riferenza ghax-xhieda moghtija minn Gilbert Haber fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 108 *et seq.*) u ghal dik moghtija minn Stanley Gatt fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2012, u kif ukoll b'mod partikolari ghal Dok. "GH 6" (*a fol.* 154 *et seq.* ta' kaz numru 595/12), Dok. "GH 7" (*a fol.* 162 *et seq.* ta' kaz numru 595/12) u Dok. "GH 8" (*a fol.* 166 ta' kaz numru. 595/12).

Illi d-difiza, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ghamlet riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Teddy Mercieca** deciza fid-19 ta' Lulju 2012 u kif ukoll ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Camilleri** deciza minn din il-Qorti kif preseduta fl-4 ta' Gunju 2012.

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni **Il-Pulizija vs. Carmel Camilleri** deciza minn din il-Qorti kif preseduta fl-4 ta' Gunju 2012, il-Qorti kienet qalet li f'kaz li l-Qorti kienet tiskarta dak li Gilbert Haber u Stanley Gatt xehdu dwar dak li kien qalilhom l-imputat, xorta wahda jirrizulta mill-bqija tal-provi u mid-dokumenti ezebiti li l-imputazzjoni in kwistjoni kienet giet sodisfacentement pruvata.

Illi dan japplika ghall-kaz odjern fis-sens illi f'kaz li l-Qorti tiskarta dak li Gilbert Haber u Stanley Gatt xehdu dwar dak li kien qalilhom l-imputat, xorta wahda jirrizulta minn dak konstatat minnhom u mid-dokumenti ezebiti li t-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghhom.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni:</u>**

Illi, fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghax-xhieda moghtija minn Gilbert Haber u minn Stanley Gatt, li diga saret riferenza ghalihom aktar-il fuq u kif ukoll ghal Dok. "GH 6" (*a fol.* 154 *et seq.* ta' kaz numru 595/12) u Dok. "GH 9" (*a fol.* 167 *et seq.* ta' kaz numru 595/12). Illi dak li nghad hawn fuq fir-rigward tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni, specifikament rigward dak sollevat mid-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha,

japplika *mutatis mutandis* ghas-sitt (6) imputazzjoni fis-sens illi kieku l-Qorti kellha tiskarta dak li Gilbert Haber u Stanley Gatt xehdu dwar dak li kien qalilhom l-imputat, xorta wahda jirrizulta li dak elenkat fid-dikjarazzjoni tal-imputat fejn irregistra t-tajr ibbalzmat li kellu ma nstabx kollu tant li dak li ma nstabx gie elenkat f'Dok. "GH 9" (*a fol.* 167 *et seq.* ta' kaz numru 595/12). M'hemmx dubju ghalhekk li anke s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni:</u>**

Illi, fir-rigward tas-seba' (7) imputazzjoni, id-difiza tikkontendi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 189) li ma giet esebita l-ebda sentenza. Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak verbalizzat fis-seduta tat-23 ta' April 2013 (*a fol.* 155), fejn il-Qorti ordnat l-isfilz tas-sentenza li kienet giet prezentata dakinhar wara li l-Prosekuzzjoni kienet diga ghalqet il-provi taghha, liema sentenza ggib l-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Mark Azzopardi"** (Kawza Numru 329/2010). Il-Qorti tinnota li fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012 kienet giet esebita sentenza bl-istess numru ta' kawza (Dok. "C" – *a fol.* 6 *et seq.*) liema sentenza hija semplici fotokopja u li fuqha ma tezisti l-ebda firma li tikkonferma li s-sentenza hija vera kopja tal-original. Ghaldaqstant, il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tillibera lill-imputat mis-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u dana *stante* li din ma gietx sodisfacentement pruvata skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat, ghajr ghall-ewwel (1) u ghas-seba' (7) imputazzjoni, li gew sodisfacentment pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati lill-imputat u li gew pruvati u kif ukoll il-fedina penali tal-imputat (Dok. "B" – *a fol.* 5).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) u mis-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 4(2) u 21(5) u Skeda 1 tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Mark Azzopardi hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf u hames mitt euro (€ 1500.00).

Il-Qorti, wara li rat li uhud mill-ghasafar in kwistjoni huma nkluzi f'Skeda 1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna wkoll is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug fil-konfront tal-imputat taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u dana ghal zmien sena millum.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-ghasafar li jinsabu ndikati f’Dok. “GH 8” (*a fol.* 166 ta’ kaz numru 595/12).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------